**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 16 ta' Ottubru, 2019**

**Rikors nru: 191/14 AGV**

A sive C B

vs

DB

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fid-29 ta' Awissu, 2014 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet AB, detentrici tal-karta tal-identita' numru 638059 (M) u DB, detentur tal-karta tal-identita' numru 398257 (M) izzewwgu nhar is-17 ta' Jannar, 1976, fil-Knisja ta' San Gorg f'Hal Qormi, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg taghhom anness u mmarkat bhala "Dok. A."

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu sitt itfal; EB, FB, GB, HB, IB, u JB (vide certifikati tat-twelid ta' ulied il-kontendenti annessi u mmarkati bhala Dok B, C. D, E F u G. L-ewwel hamest itfal tal-partijiet huma kollha

maggorenni, filwaqt li JB ghadha minorenni u se taghlaq tmintax-il sena nhar l-4 ta' Ottubru, 2014.

3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba li f'inkompatibilita' ta' karattru, kif ukoll minhabba f'servigi, theddid u ingurja gravi da parti tal-intimat.

4. Illi l-esponenti giet awtorizzata li tintavola dawn il-proceduri permezz ta' Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-2 ta' Lulju, 2014, anness u mmarkat bhal Dok. H.

5. Illi r-rikonciljazzjonji bejn il-partijiet mhix possibbli u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza bl-ispejjes kontra l-intimat.

6. Illi f'dawn il-proceduri l-Avukat Dr. Yana Micallef Stafrace u l-PL Doreen Aquilina gew assenjati bhala l-Avukat u l-Prokuratur Legali tal-esponenti. L-esponenti qed tuzufruwixxi mis-servizz tal-ghajnuna legali (vide inkartament ghajuna legali anness u mmarkat bhala Dok. I).

Ghaldaqstant ighid ghalhekk l-konvenut ghaliex m'ghandux:-

1.Tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi ghar-ragunijiet premessi imputabbli lill-intimat ta' servigi, theddid u ngurji gravi kontra l-esponenti.

2. Tiddikjara li l-intimat iddekada minn kull jedd ghall-manteniment tieghu skond il-ligi.

3. Tiddikjara xolta l-komujoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu

maqsuma f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati lill-kontendenti, liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita data bhala d-data meta l-intimat jigi kkunsidrat li jkun hati ta' firda b'tali mod li hu jitlef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tal-esponenti skond il-ligi u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv, kif ukoll kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

4. Takkorda manteniment xieraq skond il-ligi ghall-esponenti u tordna illi l-arretrati tal-istess manteniment jigu mhallsa mill-konvenut ghall-esponenti.

5. Tordna illi l-kiri tal-fond 19, Flat 28, Triq Santa Marija, Mosta tirriverti ghand l-attrici.

6. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kodici Civili (Kap.16 tal-Ligijiet).

7. Tawtorizza lill-esponenti tirriverti ghall-kunjomha xebba, cioe' l-kunjom "K."

8. Tezenta lill-esponenti milli tkun responsabbli ghad-dejn li l-konvenut ghandu jew jista' jkollu.

9. Tordna ordni ta' protezzjoni kontra l-konvenutu a favur l-esponenti sabiex tipprotegi s-sigurta' tal-esponenti, ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kodici civili (Kap.16 tal-Ligjiet ta' Malta).

Bl-ispejjes kontra l-intimat ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-konvenut li eccepixxa illi:-

1.Illi l-eccipjenti jaqbel li tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejnu u bejn martu l-attrici, pero' unikament bi htijiet tal-istess attrici.

2. Illi t-tieni talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes billi ma tirrikorri ebda raguni legali ghalxiex l-eccipjenti seta' ddekada mid-dritt li jircievi manteniment minghand martu.

3. Illi lanqas ir-raba' talba attrici m'ghandha sostenn fil-fatt jew fid-dritt billi hija ddekadiet skond il-ligi mid-dritt li titlob jew tircievi manteniment minghand l-eccipjenti, filwaqt li, f'kull kaz, hija kapaci tipprovdi hi stess ghall-bzonnijiet taghha nnifisha skond il-mezzi u l-hiliet taghha, kemm ghall-ghixjien passat taghha u anke ghal dak attwali u favor.

4. Illi l-eccipjenti jaqbel illi ghandha tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u li din tigi likwidata u maqsuma bejn il-partijiet skond il-ligi.

5. Illi kwantu ghall-hames talba attrici, l-eccipjenti jirrimetti ruhu purke' l-attrici tibqa' responsabbli wahedha ghall-hlas ta' kera u ghall-ispejjes tas-servizzi, kemm jekk ga dovuti u anke ghall-futur.

6.Illi s-sitt talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda billi l-eccipjenti ma jahti xejn ghall-firda bejn il-partijiet.

7. Illi kwantu ghat-tmien talba attrici, din ukoll hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-attrici billi kull dejn li sar matul iz-zwieg tal-kontendenti jifforma l-parti mill-komunjoni tal-akkwisti

ezistenti bejn il-kontendenti, f'kull kaz id-djun saru ghall-bzonnijiet u fl-interess tal-partijiet flimkien.

8. Illi l-eccipjent jirrimetti ruhu ghat-tmien talba attrici.

9. Illi d-disa' talba attrici hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes peress illi ma jirrizultawx l-elementi rikjesti mill-artikolu 39 tal-Kodici Civili kif ser jigi ppruvat ahjar fil-kors ta' din il-kawza.

Illi l-eccipjenti konvenut qed jipprevalixxi ruhu minn din il-kawza u in linea ta' rikonvenzjoni jaghmel is-segwenti kontro-talba:-

1.Illi l-kontendenti zzewwgu fis-17 ta' Jannar, 1976.

2. Illi l-attrici rrendiet ruhha hatja fil-konfront tal-eccipjent rikonvenzjonant ta' adulterju, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi u l-hajja ta' bejniethom m'ghadhiex aktar possibbli minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment bi htijiet tal-istess attrici.

3. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom sitt itfal: E, F, G, H, I u J, li llum kollha huma maggorenni.

4. Illi E, I u J jghixu ma' missierhom fid-dar taz-zwieg 10, Triq il-Girgenti, Siggiewi.

5. Illi t-tlett itfal l-ohra lkoll ighixu mal-partners rispettivi taghhom u jghixu hajja indipendenti.

6. Illi ghalhekk hemm lok li l-eccipjenti rikonvenzjonant jibqa' jghix fil-fond 10, Triq il-Girgenti, Siggiewi, flimkien mat-tlett ulied il-partijiet E, I u J u dan bl-eskluzjoni tal-attrici rikonvenzjonata.

7. Illi, inoltre, recentement l-esponent sar jaf li l-attrici rikonvenzjonata ghandha diversi djun ma' terzi, liema djun ghandha taghmel tajjeb ghalihom l-attrici wahedha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk kollha li jirrizultaw fil-kors ta' din il-kawza, prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti jidhrilha xierqa, l-eccipjent rikonvenjonant jitlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:-

1.Tippronunzja li l-attrici rikonvenzjonata ddekadiet ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-attrici rikonvenzjonata;

2. Tiddikjara li l-attrici rikonvenzjonata ddekadiet ghar-ragunijiet stipulati fil-ligi mid-dritt li titlob jew tircievi manteniment minghand l-eccipjent rikonvenzjonant;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet skond l-ishma rispettivi u tassenja wahda lill-eccipjent rikonvenzjonant u l-ohra lill-attrici;

4. Tiddikjara l-fond numru 10, triq il-Girgenti, Siggiewi m'ghandux jitqies aktar bhala d-dar taz-zwieg tal-kontendenti u konsegwentement tawtorizza lill-eccipjent rikonvenzjonant jabita fl-istess fond bl-eskluzjoni tal-attrici, filwaqt li tassenja lilu wahdu l-kirja tal-istess fond;

5. Tiddikjara lill-attrici rikonvenzjonata unikament responsabbli ghad-djun kollha li hija ghamlet wahedha u konsegwentement tehles lill-eccipjent rikonvenzjonant minn kull obbligu jew responsabbilita' f'dan ir-rigward;

6. Tikkundanna lill-attrici sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss, tikkonsenja lill-eccipjent rikonvenzjonant l-oggetti kollha parafernali, inkluzi flus u krediti ohra u fin-nuqqas tikkundannaha thallsu l-valur taghhom, okkorrendo permezz ta' perit nominand;

7. Tapplika kontra l-attrici rikonvenzjonata d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48 u 51, 52 u 53 tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjes kontra l-attrici rikonvenzjonata li tibqa' ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut fejn eccepiet:-

1.Illi riferribilment ghall-ewwel talba, l-eccipjenti m'ghandhiex oggezzjoni illi tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, izda dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut rikonvenzjonant.

2. Illi riferibbilment ghat-tieni talba, din hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjes.

3. Illi riferibbilment ghat-tielet talba, l-eccipjent taqbel illi l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti tigi likwidata u tinqasam f'zewg

porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-eccipjenti u l-ohra lill-konvenut rikonvenzjonant.

4. Illi riferibbilment ghar-raba' talba, l-eccipjenti m'ghandha l-ebda oggezzjoni illi jigi ddikjarat illi l-fond numru 10, Triq il-Girgenti, Siggiewi m'ghandux jitqies aktar bhala d-dar matrimonjali; u illi l-konvenut rikonvenzjonant ikun awtorizzat illi jabita fl-imsemmi fond bl-eskluzjoni tal-eccipjenti u illi jigi assenjat lilu wahdu l-kirja tal-imsemmi fond;

5. Illi riferibbilment ghall-hames talba, l-eccipjenti m'ghandha l-ebda oggezzjoni illi hija tigi ddikjarata unikament responsabbli ghad-djun illi hija ghamlet wahedha u cioe' limitatament ghad-dejn illi l-eccipjenti ghandha ma' Louis Stationery ta' Pjazza San Nikola, Siggiewi, Biwaj Clothing Store u mal-banka tal-lottu li tinstab fi Pjazza San Nikola, Siggiewi. Id-djun kollha l-ohra huma responsabbilita' tal-konvenut rikonvenzjonat stante illi saru ghall-kapricci esklussivi tieghu;

6. Illi riferribilment ghas-sitt talba, din hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda stante illi l-eccipjenti m'ghandha l-ebda oggetti parafernali tal-konvenut rikonvenzjonant fil-pussess taghha.

7. Illi riferibbilment ghas-seba' talba, din hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri premessi mil-ligi.

## FATTI

## RESPONSABBILITA'

1.Il-partijiet izzewwgu fis-17 ta’ Jannar, 1976 u minn dan iz-zwieg kellhom sitt itfal, E, F, G, H, I u J. Fil-bidu taz-zwieg kienu marru jghixu ma’ omm il-konvenut, izda mbaghad minhabba l-indhil taghha, kienu marru jghixu erba’ bibien ‘l isfel, izda ma tantx ghamlet differenza, ghax il-konvenut kien ighaddi ghand ommu, qabel ma jmur id-dar u jmur lura mghawwi u jibda jkun vjolenti.

Kien hemm mumenti tajbin ukoll u ghalhekk l-attrici tghid li ppruvat li zzomm il-familja maghquda, minkejja l-fatt li kien hemm tghajjir kontinwu u uliedhom kienu jaqalghu swat.

Il-problemi fiz-zwieg kienu anke minhabba d-djun li kellhom. Il-konvenut ghadda bord, skond l-attrici b’qerq ghax ma riedx jahdem aktar. Kellhom diversi djun u spiccat li ghamlet erba’ snin tahdem fid-Dar tal-Providenza sabiex setghet thallas id-djun li kellhom.

Peress li l-konvenut baqa’ jheddidha li kien ser joqtolha, l-attrici kienet telqet mid-dar matrimonjali u marret toqghod go post mikri l-Mosta, ‘l boghod mis-Siggiewi peress li kien uza vjolenza domestika fuqha u spiccat anke tiehu kura psikologika. Kienet tigi assoggettata ghas-swat, anke quddiem it-tfal u kien hemm nuqqas ta’ rispett lejha. Zewgha l-konvenut baqa’ jghix fid-dar matrimonjali s-Siggiewi, flimkien mal-partner tieghu, tallega l-attrici, fejn ihallas kera ta’ €300 fis-sena.

Kien hemm zmien meta kienu qed jippruvaw jirrikonciljaw, izda l-konvenut kien vjolenti maghha u spiccaw kellhom jigu nvoluti l-pulizija u kienet telqet u baqa’ jittorturaha, sa kien ivvinta fuq Facebook, li kienet mietet.

Din il-vjolenza domestika, wasslet li bdiet tara psikologu darba fix-xahar, minhabba li kienet bdiet tbati minn depression.

F'dan l-istat kienet iddecidiet li titlaq mid-dar is-Siggiewi u kienet ghamlet xahrejn ghand ohtha LM, u mbaghad marret tghix mal-partner taghha N u ghamlet xi disa' snin tghix Londra mieghu go post mikri.

Illum tghix Malta il-Hamrun b'kera.[1]

2. Il-konvenut ighid li l-problemi fiz-zwieg taghhom bdew xi seba' snin ilu meta l-attrici kienet iddahhlet l-isptar fuq xi problemi fl-arterji. Hemmhekk kienet iltaqghet ma' Ingliz jismu N, li kien qed jigi rrikoverat hemmhekk ukoll. Wara li harget mill-Isptar kienet baqghet tmur tarah Mater Dei u r-relazzjoni ta' bejniethom kienet bdiet sejra ghall-aghar.

Induna li kienet bdiet tiehu hsieb aktar l-apparenza taghha u kienet bdiet tixtri l-lingerie ghax kien beda jarahom id-dar.

Kien qabbadha, wara li segwiha, tmur tiltaqa' mieghu l-lukanda Gillieru f' San Pawl il-Bahar. Minn hawn bdew ighixu sseparati taht l-istess saqaf, sakemm il-konvenut ighid li ma felahx aktar u kien talabha biex titlaq. Kienet marret tghix ma' O, u kienu damu xi sena u nofs l-Inghilterra u lanqas hu u t-tfal ma kienu jafu.

Wara din is-sena u nofs kienet giet lura u kienu ppruvaw jergghu jirrangaw l-affarijiet, izda kienu damu biss xi tlett xhur ighixu flimkien peress li l-

[1] Ara Dok. A a fol. 227 tal-process.

attrici kienet ghadha tikkomunika ma’ N. Il-konvenut kien rega’ talabha biex tiehu hwejjigha u titlaq. Ighid li sa fejn jaf, l-attrici ghadha f’relazzjoni ma’ dan N.

**MANTENIMENT**

1.Bhala manteniment, l-attrici ssostni li l-konvenut ma kienx ighaddilha manteniment, izda kienet tghix mis-Sigurta’ Socjali li kienet tircievi fl-ammont ta’ €420 kull erba’ gimghat. Minnhom tghid li qed thallas €337 kera tal-fond fejn tghix u cioe’ 19, Flat 28, Triq Santa Maria, il-Mosta. Hija tghix ukoll mill-Community Chest Fund li jghinuha bl-ikel.

Tghid li l-konvenut jaqla’ cirka €600 fix-xahar.

L-attrici hija disposta li thallas id-dejn ma’ Louis Stationery, Siggiewi, Biway Clothing Store u l-Banka tal-Lottu, is-Siggiewi, pero’ d-dejn l-iehor ghandu jhallsu l-konvenut ghax l-introjtu tieghu huwa akbar minn taghha.

2. Saviour Theuma, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali pprezenta diversi dokumenti sabiex jikkonferma l-beneficcji li jircievu l-partijiet.[2]

Joseph Chircop, in rapprezentanza tal-istess Dipartiment spjega li l-attrici tircievi assistenza socjali, bonuses u sickness assistance u supplementary allowance minn Jannar 2014 u ghadha qed tithallas sal-lum. [3]

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

[22] Ara Dok. ST1 u ST2 a fol. 105/106 tal-process.
[3] Ara Dok. JC 1 a fol. 250 tal-process.

1.L-attrici ssostni li l-konvenut kien halla ammont konsiderevoli ta’ dejn meta gie *boarded out* u kienet qed thallaslu lil Jean Luca Auto Dealer tul il-perjodu li kienet qed tahdem mad-Dar tal-Providenza u minkejja dan il-konvenut ugwalment kien qed jiehu loans mal-banek u kellu dejn mal-Go plc, mal-Housing Authority u ma’ oht l-attrici PK.

L-attrici tispjega li d-dejn li kellhom mal-Bank of Valletta plc. kien biex xtraw l-ghamara li llum tinstab ghand il-konvenut u ghat-tigijiet tat-tfal. Hlasijiet mal-HSBC u l-Bank of Valletta tghid li qatt m’ghamlithom hi, kienet tmur biss meta kien jaghtiha l-flus ir-ragel. L-istess meta giet biex thallas id-dejn tal-Housing. Tghid li dejjem kien ir-ragel li kien jaghtiha l-flus biex tmur thallas.

Dwar il-Go tghid li fl-appartament fejn kienet toqghod is-Siggiewi kien hemm telephone, decoder u television u kienu jaghmlu uzu minnu kemm hi kif ukoll uliedha.

L-attrici tikkonferma li hallset id-dejn li kellha mal-grocer u ma’ tax-xaghar.

2. Mario Magro in rapprezentanza tal-Awtorita’ tad-Djar ikkonferma li fuq il-fond Blk.4, Flat 2, Binja Hesri, Siggiewi, kien ghad fadal dejn ta’ €444.38 mal-Lands Department. Ighid ukoll li l-attrici ffirmat ftehim fejn l-arretrati ta’ kera kellhom jithallsu €50 fix-xahar.[4]

[4] Ara Dok.MM1 u MM2 a fol. 107/108 tal-process.

Il-konvenut jikkonferma li kien hallas dan id-dejn hu fl-ahhar sitt xhur minn meta xehed, minkejja li kien dejn tal-komunjoni.[5]

Fil-fatt, Mary Rose Deguara, in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Artijiet ikkonfermat li l-ammont ta' €448.38 huwa l-ammont totali ta' kera kif ukoll l-ispejjes legali involuti.[6]

3. Audrey Ghigo, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. ikkonfermat is-segwenti kontijiet f'isem il-partijiet:-

**Il-konvenut**

i) Loan account numru 044057354340 li naghlaq fit-2 ta' April, 2011;[7]
ii) Credit card no. 4568825010177588 li naghlaq fil-31 ta' Dicembru, 2007;[8]
iii) Credit card no. 4568820210361009 li naghlaq fil-31 ta' Dicembru, 2007;[9]

**Kontijiet kongunti**

(i) loan account 044057388301 li naghlaq fl-14 ta' Gunju, 2005.
iv) Loan account no.044057399300 li naghlaq fit-18 ta' April, 2006.[10]
v) Loan Account no. 044057388302 li naghlaq fit-18 ta' April, 2006.[11]

---

[5] Ara Dok. JA 2
[6] Ara Dok. MD 1 – MD 3 a fol. 211-225 tal-process.
[7] Ara Dok. AG 1 a fol. 110 tal-process.
[8] Ara Dok. AG 2 a fol. 111 tal-process.
[9] Ara Dok. AG 3 a fol. 147 tal-process.
[10] Ara Dok. AG 4 a fol. 149 tal-process.
[11] Ara Dok. AG5 a fol. 156 tal-process.

vi) Loan Account no. 044057388301 li nfetah fis-17 ta' April, 2006 u naghlaq fl-1 ta' April, 2008.[12]

vii) Savings account 044057388050 ghadu miftuh.[13]

viii) Loan account no. 044057388340 nfetah fit-12 ta' Marzu, 2008.[14]

Dwar id-dejn mal-HSBC, il-konvenut ighid li t-tnejn li huma jaqblu li jaghmlu l-pagamenti ta' €80 kull wiehed rispettivament, kif fil-fatt qed jaghmlu.[15]

4. Joseph Caruana, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. esebixxa tlett kontijiet f'isem l-attrici:-

i) Savings no. 40011020945[16]

**Kongunt**

i) Consumer Loans no. 4001615376 – 5[17]

ii) Overdraft account no. 40019968818[18]

6. Anthony Bonnici, in rapprezentanza tas-socjeta' Go plc. ikkonferma li l-konvenut kellu dejn maghhom u l-bilanc kien ta' €561 u l-bilanc jinkludi fih l-ispejjes legali li kienet hallset il-kumpanija fir-rigward tad-dejn, kif ukoll spejjes ta' mandat ta' sekwestru li huma ukoll inkluzi.

---

[12] Ara Dok.AG6 a fol. 152 tal-process.
[13] Ara Dok. AG7 a fol. 159 tal-process.

[14] Ara Dok. AG 8 a fol. 183 tal-process.
[15] Ara Dok. JA 1
[16] Ara Dok. JC 1 a fol. 78 tal-process.
[17] Ara Dok. JC2 a fol. 95 tal-process,.
[18] Ara Dok. JC 3 a fol. 100 tal-process.

L-ewwel kont overdue kien fl-2008 u kien sar payment programme fl-2007.[19]

7. Charles Bianco direttur ta' Western Company Limited u Jean Luca Auto Dealers jikkonferma li f'isem il-partiijiet kien hemm dejn ta' €9,900 fuq BMW 318 Saloon li kienet inxtrat fid-9 ta' Dicembru, 2010.

Kien hemm ukoll Pajero Junior li kienet inxtrat fit-12 ta' Novembru, 2010 bin-numru ta' registrazzjoni FBL 571 u ghad hemm bilanc ta' €15,569. Ighid li l-pagamenti ilhom ma jsiru u meta kienu jhallsu qatt ma kienu fil-hin u dejjem ihallsu "on account." [20]

Jikkonferma li l-attrici kienet biss tmur thallas fuq il-Peugeot 106, li kienet imhallsa kollha. Ma kienux saru hlasijiet minnha fuq il-vetturi fuq imsemmija.

8. Emily Abela, in rapprezentanza ta' Melita Ltd. ikkonfermat li l-attrici kellha diversi kontijiet mal-Melita u li kien hemm bilanc ta' €21 fuq kont wiehed u bilanc ta' €1,920.63.[21]

9.Edith Grech, in rapprezentanza tal-hanut Biway Clothing, tikkonferma li l-attrici kellha d-dejn maghha fuq hwejjeg u minkejja li dan il-kont kien dam pendenti ghal snin twal, illum gie saldat.

10.Louis Seychell, sid il-hanut Louis Stationery ikkonferma li l-attrici kienet xtrat minghandu seba' portable DVDs ghat-tfal u n-neputijiet u kienu jammontaw ghal €945 u kien ghad hemm bilanc, flimkien mal-interessi, ta' €1,094.65.[22]

---

[19] Ara Dok. AB 1 a fol.   tal-process.
[20] Ara Doks. CB1 – CB 4 a fol. 240-244 tal-process.
[21] Ara Doks. EA 2 a fol 263-264 tal-process.
[22] Ara Dok. LS a fol. 252 tal-process.

11.Moira Camilleri, sid tal-hanut Kevin stationery ikkonfermat li l-attrici kienet xtrat stereo li kien jiswa €90 u kien fadlilha bilanc ta' €70 u dawn kienu ghadhom ma thallsux lura sa mis-sena 2008.

12.Il-konvenut jikkonferma li kien hemm dejn mal-ARMS ammontanti ghal €1,400 u dan kien hallashom kollha hu personalment.[23]

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**IKKUNSIDRAT**

**RESPONSABBILITA'**

L-attrici bbazat it-talba ghas-separazzjoni taghha fuq tortijiet imputabbli lill-konvenut, minhabba servigi, theddid u ngurji gravi.

1. **<u>Dwar Sevizzi u Ingurji gravi</u>**

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi***

[23] Ara Dok. JA 3.

***l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew***

***atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Dwar it-theddid u vjolenza "***il-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certu mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima."***

L-attrici takkuza lill-konvenut talli kien uza vjolenza domestika maghha u mat-tfal. Issemmi diversi incidenti u li kellhom jigu nvoluti l-pulizija, pero' ma tressqu fl-ebda moment jew gew esebiti xi rapporti f'dan is-sens. Lanqas l-attrici ma gabet provi in sostenn ta' dan l-abbuz.

Fil-kontro-talba tieghu l-konvenut iwaddab it-tort fuq l-attrici minhabba li rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi.

Ukoll, il-provi tal-konvenut huma limitati ghax-xhieda tieghu biss u huma ghal kollox fjakki, hlief ghal dawk li jirrigwardaw l-adulterju.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

*"… l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet **"Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe".** (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-*

*kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza sseparazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika".* (**"Rosina Micallef vs Angelo Micallef"** *Prim'Awla Deciza -27 ta' Gunju 1964)".*

L-attrici kkonfermat li kellha partner Ingliz O, u kienet damet tghix mieghu l-Inghilterra ghal disa' snin, sakemm issa tghix Malta. Il-fatt li l-konvenut ighid li l-inkwiet imur lura ghal cirka seba' snin u kien minhabba li l-attrici bdiet relazzjoni mar-ragel Ingliz, jikkonferma li l-verzjoni tal-konvenut hija veritjiera, aktar u aktar tenut kont tal-fatt li x-xhieda tal-konvenut mhix ikkontestata mill-attrici u lanqas biss saritlu kontro-ezami.

**MANTENIMENT**

In vista tal-fatt li l-attrici rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, iddekadiet minn kull dritt li tircievi minghand ir-ragel. L-attrici llum tghix mill-beneficcji socjali, li jammonta ghal cirka €130 kull gimgha, li minnhom imbaghad l-attrici thallas il-kera tal-post fil-Hamrun.

Il-konvenut kien gie *boarded out* skond l-attrici b'qerq u ma tantx kien it-tip li kien jaqla' l-blat. Illum mill-provi prodotti jirrizulta li jircievi beneficcji socjali tal-invalidita', sickness assistance, kif ukoll supplementary allowance li b'kollox iwasslu ghal cirka €155 kull gimgha.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Hemm qbil da parti tal-kontendenti dwar id-dejn li hemm fil-komunjoni. Fil-mori tal-proceduri kien hemm diversi kontijiet u djun li thallsu u gew saldati mill-partijiet, fosthom il-kontijiet tal-Arms Ltd u l-arretrati ta' kera mad-Dipartiment tal-Artijiet li thallsu mill-konvenut u ghad hemm diversi kontijiet ohra pendenti.

Wara li l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi dwar id-djun formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti wasslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet:-

i) Il-kontijiet pendenti mal-HSBC fuq il-loan bin-numru 044-057388-340 li sat-2 ta' Gunju, 2015 kien jammonta ghal bilanc ta' €9730.36 ghandu jkompli jithallas miz-zewg partijiet kif qed isir illum;

ii) Il-kontijiet tal-Overdraft mal-Bank of Valletta plc. li sat-30 ta' Marzu, 2015 li jammontaw ghal - €4,979.57 ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet;

iii) Il-kontijiet tal-GO plc. li jammontaw ghal €561, tal-Melita plc. fl-ammonti rispettivi ta' €21 u €1,920.63, ta' Kevin's ghall-istereo fl-ammont ta' €70, kif ukoll l-ammont ta' €1,094.65 ma' Louis Stationery ghall-portable DVDs ghandhom jithallsu mill-attrici peress li dawn prattikament kienu dejn li ghamlet hi ad insaputa tal-konvenut, partikolarment in kwantu jirrigwarda r-rigali.

iv) Il-konvenut ghandu jibqa' responsabbli sabiex ihallas id-dejn fuq il-vetturi BMW 318 Saloon lil Charles Bianco direttur ta' Western Company Limited u Jean Luca Auto Dealers, kif ukoll fuq il-vettura Pajero Junior bin-numru ta' registrazzjoni FBL 571 u ghad hemm bilanc ta' €15,569. L-istess vetturi ghandhom jigu assenjati lill-konvenut.

v) Il-konvenut hallas €1848.38 arretrati fuq kontijiet mal-ARMS Ltd. U qed jippretendi li l-attrici ghandha thallas nofs is-sehem taghha tal-istess kontijiet. Il-Qorti pero' tinnota li l-kontijiet huma tas-sena 2016 u mill-provi jirrizulta li l-attrici kienet telqet mjd-dar konjugali seba' snin ilu u dan ifisser li telqet cirka fis-sena 2012 u ghaldaqstant ma jkunx gust li thallas ghall-kontijiet meta ma kinitx qed taghmel uzu tal-istess servizzi. Ghaldaqstant, l-attrici ghandha tkun obbligata li thallas biss nofs l-arretrati li kien hemm sas-sena 2012.

vi) L-attrici ghandha thallas lill-konvenut nofs l-arretrati ta' kera u cioe' s-somma ta' €224.16 li thallsu lid-Dipartiment tal-Artijiet mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1**.**Tilqa' l-ewwel talba attrici in parte u l-kontro-talba tal-konvenut fis-sens li tawtorizza s-separazzjoni bejn il-konjugi B, izda ghar-ragunjiiet imputabbli lill-attrici li rrendiet ruhha hatja ta' adulterju.

2. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta' dina t-talba stante li m' hemmx kontestazzjoni dwar manteniment mill-konvenut.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u t-tielet kontro-talba u tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti kif fuq imsemmija;

4. Tichad ir-raba' talba, filwaqt li tilqa' t-tieni kontro-talba stante li l-attrici ddekadiet mid-dritt taghha li tircievi manteniment.

5. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ghall-hames talba u dan stante li l-attrici m'ghadhiex tghix hemmhekk, filwaqt li tilqa' r-raba' kontro-talba.

6. Tichad is-sitt talba, filwaqt li tilqa' s-seba kontro-talba;

7. Tilqa' s-seba' talba attrici u tawtorizzaha tirriverti ghal kunjom xbubitha 'K';

8. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta' dina t-tmien talba u l-hames kontro-talba stante l-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti msemmija aktar 'l fuq.

9. Tichad id-disa' talba stante li l-vjolenza domestika ma gietx ippruvata.

10. Tichad is-sitt kontro-talba, stante li ma gew identifikati ebda oggetti parafernali.

L-ispejjez ghandhom jigu ssopportati mill-attrici.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**